*- Kollizzjoni -.*

*- Hlas ta' Danni -.*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 29 ta' Marzu, 2001**

**Kawza Numru: 16**
**Citazzjoni Numru: 184/97/RCP**

**George Muscat**

**vs**

**Raymond Vassallo**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi waqt li l-attur kien qieghed isuq il-vettura tieghu tal-marka Rolls Royce numru L - 1891 f'Tabia Road, Rabat, fid-29 ta' Ottubru 1995 fil-4.10.p.m. huwa safa' involut f'incident awtomobilistiku ma' vettura ohra tal-marka

Peugeot li ggib in-numru I - 5649 misjuqa mill-konvenut; u li l-kollizzjoni grat in vista tal-fatt li l-konvenut li kien gej minn wara l-attur u sejjer fl-istess direzzjoni tieghu, ma waqqafx il-vettura tieghu fil-hin u b'hekk baqa' diehel fil-parti ta' wara tal-vettura tal-attur, u b'rizultat ta' dan l-incident l-attur hallas l-ammont ta' Lm1,050.23 bhala danni; u li dan l-incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragini, imperizja, negligenza, non-curanza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu; u illi meta l-konvenut gie mitlub jikkompensa lill-attur, dan ma ghamel xejn u qieghed jirrifjuta li jaccetta r-responsabilita' ghall-istess.

Illi ghalhekk l-istess attur talab li l-konvenut jghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandhiex din il-Qorti:-

(1) Tiddikjara illi din il-kollizzjoni grat tort unikament tal-konvenut minhabba negligenza, imprudenza, traskuragini, nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku u non curanza da parte tal-konvenut;

(2) Tillikwida d-danni totali fis-somma ta' elf u hamsin lira Maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm1050.23); Lm951.78 kwantu ghad-danni fil-vettura, Lm65 spejjez ta' telefonati u korrispondenza, Lm30 bhala hlas ta' importazzjoni tal-*parts* u Lm3.45 ghar-*Road Accident Report*, jew somma ohra verjuri li tigi hekk likwidata, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi; u

(3) Tikkundanna lill-istess konvenut jhallas lill-attur is-somma fuq indikata jew somma ohra verjuri li tigi hekk likwidata in linea ta' danni, skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni u bl-ispejjez komprizi ta' Lm10 ghall-konsult, Lm20 ghall-korrispondenza skambjata mal-assikurazzjoni tal-konvenut u dawk tal-ittra ufficjali prezentata konteswalment kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut, kontra l-konvenut li minn issa jibqa' ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 16 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tat-13 ta' Ottubru 1997 a fol 20 tal-process fejn gie eccepit:

(1) Ir-responsabilita' tal-eccipjenti ghall-incident awtomobistiku in kwistjoni hija ammessa qabel l-attur intavola din il-kawza. Ghalhekk l-ewwel talba saret inutilment u konsegwentement l-eccipjenti m'ghandux ibati spejjez fir-rigward ta' din it-talba;

(2) Fit-tieni lok, qatt ma kien hemm opposizzjoni da parti ta' l-eccipjenti jew l-assigurazzjoni tieghu li ssir likwidazzjoni u hlas ta' danni li l-attur jipprova li

garrab materjalment u attwalment fil-kollizzjoni in kwistjoni.

(3) Fit-tielet lok, l-eccipjenti m'ghandhux ibati spejjez gudizzjarji ghar-rigward tat-tieni u t-tielet talba ghaliex qabel il-prezentata tac-citazzjoni l-unika pendenza li kien fadal bejn l-attur u l-assikurazzjoni tal-eccipjenti kien ir-rimbors tal-ispejjez tal-*parts* li l-attur allega li xtara minn barra. L-assigurazzjoni talbet lill-attur jipproduci r-ricevuti originali biex tkun tista' thallas pero' l-attur baqa' inadempjenti.

(4) Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 21 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduti tas-27 ta' Novembru 1997, ta' l-1 ta' Gunju 1998 fejn xehed l-attur, tal-15 ta' Jannar 1999 fejn xehed in kontro-ezami l-attur. Id-difensuri tal-partijiet talbu differiment biex jaraw jekk jistghux jaslu ghal transazzjoni; tat-23 t'April 1999, fejn Dr Depasquale nforma l-Qorti li t-tentattiv biex din il-kawza tigi transatta ma serva ghal xejn u ghalhekk talab li l-kawza tmur ghall-provi tal-attur *viva voce*. Il-kawza giet differita ghat-2 ta' Gunju 1999 ghal dan l-iskop.

Rat il-verbal tat-2 ta' Gunju 1999 fejn Dr Depasquale ghall-attur prezenta nota b'dokument u ddikjara li m'ghandux provi aktar. Dr Zammit McKeon talab li jpproduci bhala xhud lil Paul Barberi. Il-Qorti laqghet it-talba. Xehed Paul

Barberi. Il-kawza giet differita ghat-2 ta' Frar 200 ghall-kontinwazzjoni ta' dan ix-xhud.

Rat il-verbal tas-seduti tat-2 ta' Frar 2000, tal-25 ta' Frar 2000 fejn xehed Paul Barberi, tal-15 ta' Mejju 2000 fejn il-kawza bdiet tigi mismugha minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta; tat-3 ta' Ottubru 2000 fejn Dr Zammit McKeon iddikjara li m'ghandux provi aktar u l-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-23 ta' Novembru 2000.

Rat ir-rikors ta' George Muscat tat-8 ta' Novembru 2000 u d-digriet tal-Qorti ta' l-10 ta' Novembru 2000 fejn ordnat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat il-verbali tat-23 ta' Novembru 2000 fejn Dr Lennart Depasquale rrinunzja ghall-patrocinju ta' l-attur u Dr Frank Cassar assuma l-patrocinju tal-istess. Dr Zammit McKeon oppona ghar-rikors tal-attur stante li l-attur kien jaf b'tali xhieda qabel il-prezentata tal-kawza u tali talba qed issir wara l-gheluq tal-provi tal-partijiet. Il-Qorti ddegretat ir-rikors u cahdet it-talba stante li l-attur kien jaf bl-istess xhieda qabel il-kawza u *di piu`* kellu diversi opportunitajiet biex jindika l-istess xhieda lill-Qorti anke in vista tal-fatt li l-attur deher fis-seduti kollha quddiem il-Qorti mis-27 ta' Novembru 1998 sat-2 ta' Gunju 1999 meta huwa ddikjara li m'ghandux provi aktar. Id-difensuri qablu li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-6 ta' Marzu 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**II. KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi dwar ir-responsabilita' tal-incident *de quo* din hija ammessa mill-konvenut kif jirrizulta mill-eccezzjonijiet tieghu u mid-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni attrici, u dan stante li d-dinamika tal-incident hija wahda cara kif jirrizulta mill-istess dikjarazzjoni attrici u wkoll mill-*Road Accident Report* anness mac-citazzjoni attrici fejn jidher car u inkontestat li l-konvenut li kien qed isuq wara l-attur, ma waqafx u baqa' diehel fil-karozza ta' quddiemu, dik attrici fil-hin, data u lok indikati fl-istess citazzjoni attrici u ghalhekk l-istess konvenut huwa responsabbli ghall-hsarat kollha sofferti mill-attur fl-istess vettura.

Illi fil-fatt jirrizulta li l-konvenut tramite l-assigurazzjoni tieghu kien ammetta r-responsabilita' tal-incident sew qabel il-prezentata ta' din ic-citazzjoni peress li l-istess socjeta' assiguratrici hallset ghall-*labour u spray* tal-istess vettura attrici li gew necessitati sabiex tissewwa l-hsara sofferta fl-istess minhabba l-incident *de quo.*

Illi mill-provi prodotti ghalhekk jirrizulta li l-assikurazzjoni tal-konvenut qablet li thallas il-hsarat sofferti mill-attur fl-istess incident, u l-unika dizgwid li kien hemm bejn il-partijiet kien dwar *parts* li l-istess attur gab direttament

minn barra, stante li l-assigurazzjoni tal-konvenut sostniet li hija qatt ma inghatat l-original tal-istess dokumenti sabiex jigu verifikati minnha.

Illi pero' mill-provi prodotti jirrizulta li kopji tar-ricevuti kollha tal-*parts* utillizati mill-attur gew esebiti mill-attur mac-citazzjoni attrici u dawn gew importati fis-sena 1996 wara li l-istess gew mixtrija u spediti mid-ditta Jacksons ta' Dorset l-Ingilterra, u thallas id-dazzju relattiv fuqhom f'April u Lulju 1996, u l-prezz taghhom kien jammonta ghall-stg 1249.48 kif jirrizulta minn Dok. JZM ekwivalenti ghas-somma ta' Lm951.78 u li lkoll huma sopportati minn ricevuti esebiti minn fol. 6 sa fol 16 tal-process.

Illi l-versjoni tal-assigurazzjoni tal-konvenut hija li l-attur ma ghaddhiex ricevuti originali lill-istess socjeta' u ghalhekk din ma hallistx, mentri l-attur isostni li ghadda kemm il-kopja tal-istess u l-original taghhom, pero' wara ha mieghu l-original tar-ricevuti, u din il-Qorti thoss li ghandha toqghod fuq il-versjoni tal-attur stante li x-xhud Paul Barberi stess ma eskludiex il-possibilita' li dawn thallew ma' xi skrivan tal-istess socjeta' pero' ghal xi raguni ma gewx ghandu. Mill-banda l-ohra ix-xhieda tal-attur hija wahda deciza, u bl-ebda mod ma turi xi indecizzjoni f'dak li kien qieghed jghid.

Illi apparti dan jirrizulta mill-process li qabel il-kawza l-istess attur tramite d-difensur tieghu kiteb erbgha (4) darbiet lis-socjeta' assiguratrici sabiex jithallas lilu l-ammont ta' danni minnu reklamati tali ittri datati rispettivament 5 ta' Awissu 1996, 27 ta' Settembru 1996,

11 ta' Novembru 1996, u 2 ta' Dicembru 1996, u f'din l-ahhar ittra jinghad li qed jintabaghtu mill-attur lill-istess socjeta' assikuratrici r-ricevuti tal-istess *spare parts.* Pero' ma jidhirx li sar il-hlas lill-attur, u fil-fatt l-attur ipprezenta din il-kawza fis-27 ta' Jannar 1997, wara li halla zmien bizzejjed sabiex l-istess kontijiet jigu mhallsa.

Illi jigi nnutat ukoll li lanqas fil-mori tal-kawza dawn l-ammonti ta' valur ta' *parts* u dazzju ma thallsu, minkejja li l-ircevuti gew esebiti propju mac-citazzjoni attrici, u wkoll wara li l-partijiet hadu diversi differementi sabiex jitransigu l-kawza.

Illi ma jirrizultax fil-kawza raguni ghaliex l-attur ma thallasx tal-*parts* lanqas fil-mori tal-kawza, ghaliex jekk kien hemm xi oggezzjoni da parte tal-assikurazzjoni dwar xi ammont mis-somma pretiza bhala prezz u spejjez tal-parts din certament ma gietx ippruvata fil-kawza mill-konvenut, jew mix-xhieda tal-istess assigurazzjoni tieghu.

Illi apparti l-ispejjez tal-*parts,* l-attur qed jippretendi ukoll is-somma ulterjuri ta' tlettin lira (Lm30) bhala hlas ta' dazzju, u Lm3.45 bhala spejjez tar-*road accident report,* u dawn ukoll jinsabu ippruvati b'ricevuti relattivi esebiti mill-attur f'din il-kawza.

Illi kwantu ghall-ammont ta' Lm65 bhala spejjez ta' telefonati u korrispondenza, fl-opinjoni ta' din il-Qorti dawn ma gewx ippruvati u ghalhekk ghandhom jitnaqqsu mis-somma totali pretiza mill-attur.

Illi ghalhekk l-ammont ta' danni sofferti mill-attur jikkonsistu fi Lm951.78 bhala valur tal-*parts,* Lm3.45 bhala spejjez tar-*Road Accident Report,* u Lm30 bhala hlas ta' dazju li b'kollox iwassal ghall-ammont ta' disa' mija u hamsa u tmenin lira u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm985.23) li qed jigu likwidwati bhala danni sofferti mill-attur fl-incident *de quo* u li ghad iridu jithallsu mill-konvenut.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut stante li ammetta l-ewwel talba attrici, u filwaqt li tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara fuq ammissjoni tal-konvenut illi din il-kollizzjoni grat tort unikament tal-konvenut minhabba negligenza, imprudenza, traskuragini, nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku u non curanza da parte tal-konvenut;

(2) Tillikwida d-danni totali fis-somma ta' disa' mija u hamsa u tmenin lira u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm985.23) rapprezentanti kwantu ghall-ammont ta' Lm951.78 prezz ta' *spare parts* ghall-vettura, Lm30 bhala hlas ta' importazzjoni tal-*parts* u Lm3.45 ghar-*Road Accident Report* ; u

(3) Tikkundanna lill-istess konvenut jhallas lill-attur is-somma fuq indikata ta' disa' mija u hamsa u tmenin lira u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm985.23) hekk likwidata in linea ta' danni, skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Illi l-ispejjez tal-ewwel talba attrici ghandhom jigu sopportati mill-attur u l-ispejjez l-ohra kollha tal-kawza komprizi dawk ta' erbgha (4) ittri legali lis-socjeta` tal-assikurazzjoni tal-konvenut u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mac-citazzjoni attrici kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut, kontra l-konvenut, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni attrici fit-18 ta' Settembru 1997 sal-effettiv pagament ukoll kontra l-istess konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**29 ta' Marzu, 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**29 ta' Marzu, 2001**